MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2009

Numru 1286/2008

PULIZIJA
SPETTUR ANN MARIE MICALLEF
VS
CHARMAINE CUTAJAR

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Charmaine Cutajar, ta’ 25 sena, bint Francis u Rita nee’ Pace, imwielda Pieta’ nhar il-15 ta’ Marzu 1983, residenti 53B, Triq Patri Marjanu Vella, Sliema u detentrici ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 175383(M).

Illi hija akkuzata talli nhar it-8 ta’ Dicembru, ghall-habta tat-tmienja u ghoxrin ta’ filghodu (08:20hrs), gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta’ Tas-Sliema, sitwata fi Triq Rudolfu, Sliema;

Bil-hsieb li taghmel hsara lil xi persuna u cioe lil Isaac Mercieca, akkuzat lil din il-persuna quddiem awtorita’

kompetenti b'reat, filwaqt li kienet taf li dik il-persuna hija nnocenti.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamlet denunzja lill-Pulizija Ezekuttiva ta' reat li kienet taf li ma sarx, inkella bil-qerq halqet tracci ta' reat b'mod li setghu nbdew proceduri kriminali sabiex tizgura li dak ir-reat kien sar.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u ta' l-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputata.

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament.

Semghet trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

L-imputata, mara separata b'tifel ta' tlett (3) snin, fl-istqarrija taghha ammettiet illi kienet akkuzat ingustament lill-imputat (gharus taghha) talli kien sawwata u ghamlet rapport f'dan is-sens lill-Pulizija. Waqt din l-istqarrija, l-imputata, pero', ammettiet illi l-kwerelant ma messhiex u li dak li ghamlet, ghamlithom f'mument ta' rabja, wara li l-kwerelant kien heddidha u kellimha goff fuq it-telephone u

b’disperazzjoni li r-relazzjoni illi kellhom bejnhom kienet ser tintemm ghal kollox.

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni taghha il-Qorti ssib lill-imputata, Charmaine Cutajar, hatja ta’ l-ewwel (1) akkuza b’assorbiment ghal fini ta’ piena tat-tieni (2) akkuza u wara li rat l-Artikoli 101 u 110(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tillibera lil Charmaine Cutajar bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------